ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 137

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

27 ta' Mejju 2010

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kunsill

2010/C 137/01 Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar- rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ: ġlieda kontra l-qgħad u l-faqar 1

OPINJONIJIET

Il-Kunsill

2010/C 137/02 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Awstrija, 2009-2013 7

2010/C 137/03 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza aġġornat tal-Bulgarija, 2009-2012 12

MT

Prezz:
3 EUR

II *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 137/04 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5852 – Oak Hill Capital Partners/Private Equity/Avolon) [1] 17

2010/C 137/05 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5834 – Coca-Cola Enterprises/Coca-Cola Drycker Sverige/Coca-Cola Drikker) [1] 17

2010/C 137/06 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5810 – Investor/Saab) [1] 18

IV *Avviżi*

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2010/C 137/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 dwar l-Europeana: il-passi li jmiss 19

2010/C 137/08 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2010 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 22

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 137/09 Rata tal-kambju tal-euro 24

2010/C 137/10 Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni 25

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUNSILL

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar- rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ: ġlieda kontra l-qgħad u l-faqar

(2010/C 137/01)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL:

1. WAQT LI JFAKKRU:

Fl-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif imniżżel fl-Anness għal din ir-Riżoluzzjoni, b'mod partikolari:

— Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) ([1]).

— Id-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010).

2. WAQT LI JIKKUNSIDRAW LI:

— Is-solidarjetà hija waħda mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, il-koeżjoni ekonomika u soċjali hija għan intrinsiku tal-mudelli Ewropej tas-soċjetà.

— L-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ tinvolvi kombinazzjoni ta' appoġġ għal dħul adegwat, l-aċċess għal swieq tas-suq inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità.

— L-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija ta' Lisbona biex jinkisbu aktar impjiegi u impjiegi aħjar u biex jinqered il-faqar sal-2010, inklużi l-objettivi tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ, ma nkisbux u li għalhekk huwa meħtieġ li titkompla l-ħidma biex jinkisbu dawn l-objettivi.

— L-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq it-tkabbir u l-impjiegi qed jaffettwaw b'mod partikolari gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew f'riskju ta' esklużjoni, bħaż-żgħażagħ, bir-riżultat li l-faqar fosthom qed jiżdied.

— Waħda mill-għodod prinċipali għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija l-impjiegi. L-Ewropa teħtieġ livelli ogħla ta' produttività u impjiegi ta' kwalità. Madankollu, il-livell ta' faqar fost il-ħaddiema żgħażagħ (10 %) ([2]) juri li mhux l-impjiegi kollha jipprovdu sigurtà suffiċjenti.

— Il-qgħad fost iż-żgħażagħ laħaq livelli estremament inkwetanti: fl-Unjoni Ewropea, persuna żgħażugħa minn kull ħamsa taħt l-età ta' 25 sena tinsab bla xogħol. Barra minn hekk, persuna żgħażugħa minn kull ħames ta' età bejn it-18 u l-24 sena jinsab fir-riskju tal-faqar ([2]).

— L-isfida demografika maħluqa minn tixjiħ tal-popolazzjoni titlob rispons interġenerazzjonali u djalogu u solidarjetà interġenerazzjonali.

3. WAQT LI JIKKUNSIDRAW LI:

— L-interessi soċjali u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea jirrikjedu li l-potenzjal taż-żgħażagħ jintuża b'mod sħiħ.

— Għalhekk huwa ta' importanza vitali li jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet ugwali għaż-żgħażagħ li jippermettu li huma jipparteċipaw b'mod attiv u ekwitabbli fil-ħajja ekonomika, soċjali, demokratika u kulturali, b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ l-aktar żvantaġġati b'anqas opportunitajiet.

— Il-qgħad, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u ekonomika u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni huma ostakoli għall-benessri taż-żgħażagħ u jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà. L-inklużjoni akbar taż-żgħażagħ fis-soċjetà u l-parteċipazzjoni sħiħa u attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol, flimkien ma' aċċess imtejjeb għal edukazzjoni ta' kwalità, kif ukoll protezzjoni u servizzi soċjali adegwati u mmirati aħjar, huma għodod essenzjali għat-tnaqqis tal-faqar, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali.

([1]) ĠU C 311, 19.12.2009.

([2]) *Sors*: Eurostat, Statistika tal-UE dwar id-Dħul u l-Kondizzjonijiet tal-Għixien (bejn it-18 u l-24 sena).

— L-investiment fiż-żgħażagħ bħala riżorsa essenzjali għat-tkabbir u l-impjiegi u l-iffaċilitar tal-inklużjoni soċjali tagħhom jikkonsolida soċjetà aktar koeżiva, fejn iż-żgħażagħ kollha jkollhom opportunitajiet indaqs li jipparteċipaw.

4. JIDENTIFIKAW L-OBJETTIVI ĠENERALI LI ĠEJJIN:

— L-iffaċilitar tal-aċċess liż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol u l-provvediment ta' opportunitajiet għal impjiegi aktar siguri b'termini non-diskriminatorji.

— Il-provvediment ta' aċċess imtejjeb għal edukazzjoni ta' kwalità u l-iffaċilitar ta' transizzjonijiet bla xkiel għas-suq tax-xogħol mill-edukazzjoni u t-taħriġ jew għall-qgħad u n-nuqqas ta' attività.

— L-iffaċilitar tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata, dik tal-familja u tax-xogħol.

— Il-prevenzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali ta' żgħażagħ, kif ukoll il-perpetwazzjoni ta' dawn il-problemi minn ġenerazzjoni għall-oħra.

5. JISTABBILIXXU L-PRINĊIPJI GWIDA LI ĠEJJIN:

— Il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali, partikolarment b'kont meħud tal-kwistjonijiet tas-sessi u żgħażagħ b'inqas opportunitajiet.

— L-involviment tal-atturi rilevanti kollha fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak tal-UE.

— Jeħtieġ li jiġi enfasizzat ir-rwol tad-djalogu strutturat fil-qasam taż-żgħażagħ, b'mod partikolari r-riżultati taċ-ċiklu attwali li jikkonċerna l-impjieg taż-żgħażagħ.

6. JISSOTTOLINJAW LI:

Kif deskritt fil-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) adottat mill-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2009, il-kisba tal-objettivi fil-qasam taż-żgħażagħ tirrikjedi approċċ doppju, li jinvolvi kemm:

— inizjattivi speċifiċi fil-qasam taż-żgħażagħ;

u

— l-integrazzjoni ta' inizjattivi sabiex tiġi integrata perspettiva taż-żgħażagħ f'oqsma ta' politika oħra rilevanti.

7. GĦALDAQSTANT JAQBLU LI:

Fil-kuntest tal-integrazzjoni ta' perspettiva żagħżugħa f'oqsma ta' politika oħra rilevanti – u b'kont meħud tal-valur miżjud ta' linji politiċi għaż-żgħażagħ – l-azzjonijiet rigward l-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ għandhom jiffokaw prinċipalment fuq żewġ oqsma ta' azzjoni speċifiċi skont il-qafas imġedded: dak tal-*Edukazzjoni u t-Taħriġ*, u dak tal-*Impjiegi u l-Intraprenditorija*. F'dan ir-rigward, il-kwistjonijiet li ġejjin huma ta' importanza partikolari:

(i) Il-promozzjoni tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim mhux formali sabiex titjieb il-kapaċità għax-xogħol billi:

(a) jitjiebu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi taż-żgħażagħ, u jiġi żgurat li dawn huma mfassla skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li dejjem jinbidel u s-setturi ġodda tal-impjiegi li qed jikbru, permezz tal-iżvilupp ta' skemi ġusti, flessibbli u effiċjenti għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, kif ukoll permezz ta' tagħlim mhux formali u ħidma maż-żgħażagħ fil-qafas ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien;

(b) il-ġlieda kontra l-problema ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi;

(c) il-promozzjoni ta' tagħlim tul il-ħajja, bl-użu tal-valur miżjud offrut mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

(ii) L-inkoraġġiment tat-transizzjonijiet bejn l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ u s-suq tax-xogħol sabiex jiġu evitati l-qgħad u l-esklużjoni soċjali taż-żgħażagħ permezz ta':

(a) il-faċilitazzjoni ta' opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali għaż-żgħażagħ;

(b) il-provvediment ta' servizzi ta' gwida ta' kwalità biex jgħinu liż-żgħażagħ fid-deċiżjonijiet tagħhom rigward tali transizzjonijiet. F'dan ir-rigward, is-servizzi tal-impjieg pubbliku, kif ukoll is-servizzi għall-għotja ta' pariri u ta' informazzjoni liż-żgħażagħ jista' jkollhom rwol essenzjali;

(c) it-titjib tal-kapaċità għall-impjieg fil-futur taż-żgħażagħ billi jiġi promoss l-akkwist tal-esperjenza tax-xogħol matul iċ-ċiklu edukattiv permezz ta' perijodi f'ambitu professjonali, internships u apprendistati appoġġati kemm mis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, li possibbilment ikunu qed jaġixxu fi sħubija jew permezz ta' skemi simili oħra;

(d) l-għarfien tal-valur miżjud ta' xogħol u attivitajiet ta' volontarjat bħala mezz kif jittejbu l-ħiliet u l-kompetenzi;

(e) il-konsiderazzjoni, fejn adatta, tal-ekonomija soċjali bħala sors ta' taħriġ u impjiegi tal-bidu għaż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet.

(iii) Il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità għaż-żgħażagħ permezz ta':

(a) it-titjib tal-aċċess għal impjieg stabbli għaż-żgħażagħ, b'kont partikolari ta' dawk b'inqas opportunitajiet u l-għarfien li l-linji ta' politika ta' suq tax-xogħol attiv għandhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward;

(b) l-iżvilupp ta' linji ta' politika integrati għall-flessigurtà għat-tisħiħ kemm tal-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol kif ukoll għall-provvediment ta' sigurtà tax-xogħol, kif ukoll għall-prevenzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol;

(c) l-istimulazzjoni tal-potenzjal taż-żgħażagħ f'termini tal-kompetenzi, it-talent u l-motivazzjoni tagħhom, kif ukoll l-inkoraġġiment tal-mobbiltà tagħhom, kemm ġeografika kif ukoll transsettorjali.

(iv) Il-promozzjoni ta' impjiegi indipendenti u intraprenditorjia permezz ta':

(a) l-inkoraġġiment tal-ispirtu intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet intraprenditorjali tagħhom permezz ta' edukazzjoni xierqa, taħriġ u programmi ta' konsultazzjoni;

(b) l-iffaċilitar tal-mobbiltà u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'netwerks għal intraprendituri żgħażagħ u r-rikonoxximent ta' intrapriżi subalterni;

(c) l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika, sabiex jiżdied aktar l-għadd ta' negozji ġodda maħluqa miż-żgħażagħ li jirriżulta f'opportunitajiet ġodda ta' xogħol u professjonijiet ġodda;

(d) l-approvazzjoni tal-iżvilupp tat-talent, l-immaġinazzjoni, il-kreattività u l-ħiliet innovattivi taż-żgħażagħ fil-qafas tat-tagħlim formali, mhux formali u informali;

(e) il-faċilitar tal-aċċess għal servizzi rilevanti, u l-assistenza liż-żgħażagħ li jkunu qed jistabbilixxu negozji, p.e. permezz tal-provvediment ta' aċċess għal finanzi jew għat-tħejjija ta' pjani ta' negozju.

(v) Iż-żamma, l-iżvilupp u, fejn adatt, l-istabbiliment tal-miżuri meħtieġa biex jiġi provdut aċċess għall-protezzjoni soċjali adegwata u għal servizzi ta' kwalità għolja, inkluża l-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal u l-assistenza għall-akkomodazzjoni, b'attenzjoni partikolari għat-titjib tas-servizzi soċjali mmirati lejn familji żgħażagħ.

8. JAQBLU UKOLL LI:

L-istrumenti fil-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ għandhom jintużaw b'mod sħiħ, kemm biex ikun hemm appoġġ għall-ħidma tagħhom dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażagħ f'oqsma ta' politika oħra rilevanti, u għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi speċifiċi fil-qasam taż-żgħażagħ.

9. GĦALHEKK, IN KONNESSJONI MAL-KWISTJONIJIET STABBILITI FIT-TAQSIMA 7 HAWN FUQ, JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U/JEW IL-KUMMISSJONI, FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM:

— Ifasslu mezzi ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni ma' dipartimenti u oqsma ta' politika rilevanti oħra kemm fi u bejn id-diversi istituzzjonijiet tal-UE u fl-Istati Membri b'attenzjoni speċjali għall-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni f'oqsma oħra, b'mod partikolari dawk tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-impjiegi.

— Iħeġġu r-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, li jikkumplimenta l-edukazzjoni formali u li għandu rwol utli fl-appoġġ għall-integrazzjoni soċjali u ekonomika effiċjenti taż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet. F'dan il-kuntest, huma partikolarment importanti l-ħidma magħmula ma' żgħażagħ bħal dawk attivi fil-qasam taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni fil-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni.

— Jippromwovu strumenti ta' tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki, permezz ta' seminars ta' livell għoli jew laqgħat ta' gruppi ta' esperti dwar kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni soċjali taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol. F'dan ir-rigward, ir-riżultati ta' tali attivitajiet għandhom ikunu mxerrda b'mod effettiv, bl-użu, fejn adatt, ta' pjattaformi eżistenti.

— Jagħmlu użu effiċjenti tal-fondi disponibbli fl-UE għall-appoġġ tal-proċess tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni, it-taħriġ jew l-impjiegi u għall-ġlieda kontra l-qgħad u l-faqar, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali, jew kwalunkwe fond jew programm rilevanti ieħor tal-UE, bħal PROGRESS.

— Ikomplu jappoġġaw u jippromwovu r-riċerka transdixxiplinarja relatata maż-żgħażagħ u l-kondizzjonijiet tal-għajxien tagħhom, b'kont meħud tal-ambjent soċjoekonomiku u l-opportunitajiet u l-ostakli li dan joħloq għall-inklużjoni soċjali u l-kapaċita għax-xogħol taż-żgħażagħ.

— Jiżguraw li l-indikaturi eżistenti jinkludu d-dimensjoni taż-żgħażagħ, sabiex tingħabar u tiġi analizzata data dwar l-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ u dwar il-ġlieda kontra l-qgħad u l-faqar, u sabiex jkunu jistgħu jitwettqu valutazzjonijiet komparattivi mill-Istati Membri fid-dawl tal-kisbiet tagħhom.

— Jistabbilixxu mekkaniżmi adegwati biex jiġu sorveljati u evalwati r-riżultati miksuba dwar l-azzjonijiet iddelinejati fit-taqsima 7 ta' hawn fuq, b'mod partikolari permezz tar-Rapport tal-UE dwar iż-Żagħżagħ.

10. BARRA MINN HEKK JENFASIZZAW L-IMPORTANZA, FIL-KUNTEST TA' EWROPA KOMPETITTIVA, INKLUSIVA U SOSTENIBBLI, LI:

— jiġi rikonoxxut ir-rwol kruċjali taż-żgħażagħ għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv meħtieġ għall-prosperità futura tal-Ewropa;

— jiġi żgurat li l-kontribut tal-politika taż-żgħażagħ – li tkopri oqsma bħall-mobbiltà, il-parteċipazzjoni, it-tagħlim mhux formali u informali, l-attivitajiet volontarji u l-ħidma taż-żgħażagħ – ikun integrat totalment fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020;

— tiġi rikonoxxuta n-natura transettorjali tal-kwistjonijiet, u għalhekk jiġu promossi:

— l-linji ta' politika li jappoġġaw l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u jiffaċilitaw l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ;

— l-linji ta' politika li ser jipprovdu liż-żgħażagħ kollha bil-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu biex jagħmlu l-parti tagħhom fl-ekonomija u s-soċjetà u bbażati fuq l-għarfien ta' għada.

ANNESS

SFOND POLITIKU

1. L-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li permezz tiegħu l-Unjoni għandu jkollha l-kompetenza li twettaq azzjonijiet biex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplementa l-azzjonijet tal-Istati Membri f'oqsma, fil-livell Ewropew, bħall-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport.

2. L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi, kif imniżżla fil-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew li saret fil-Lussemburgu fl-20-21 ta' Novembru 1997 ([1]).

3. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tal-14 ta' Diċembru 2000, dwar l-Inklużjoni Soċjali taż-Żgħażagħ ([2]).

4. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tat-28 ta' Mejju 2004 dwar l-Integrazzjoni Soċjali fir-rigward taż-Żgħażagħ ([3]).

5. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2007: "Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà" ([4]).

6. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 u s-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-prospetti futuri għall-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjieg fiċ-ċiklu l-ġdid tal-Istrateġija ta' Liżbona ([5]).

7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tat-13-14 ta' Marzu 2008, li enfasizzaw l-importanza tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-promozzjoni ta' integrazzjoni attiva u ż-żieda fl-opportunitajiet ta' impjiegi għal dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ż-żgħażagħ ([6]).

8. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, li ddikjarat li l-qgħad, il-faqar, in-nuqqas ta' saħħa, l-esklużjoni kulturali, soċjali u ekonomika u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni huma ostakoli għall-benessri taż-żgħażagħ u jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà ([7]).

9. Id-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) ([8]).

10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-prinċipji ta' inklużjoni attiva komuni għall-ġlieda aktar effettiva kontra l-faqar ([9]), li ddikjaraw li l-inklużjoni attiva tinvolvi t-tgħaqqid ta' appoġġ adegwat għad-dħul, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità.

11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2009 dwar Ħiliet ġodda għal Impjiegi ġodda - L-antiċipazzjoni u t-tlaqqigħ tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa ([10]).

12. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ([11]).

13. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2009 dwar is-Servizzi Soċjali bħala għodda għall-inklużjoni attiva, it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u qasam ta' opportunitajiet ta' impjiegi ([12]).

([1]) SN 300/97.
([2]) ĠU C 374, 28.12.2000.
([3]) Dok. 9601/04.
([4]) Dok. 15497/07.
([5]) Dok. 15813/07.
([6]) Dok. 7652/08.
([7]) ĠU C 141, 7.6.2008, p. 1.
([8]) ĠU L 298, 7.11.2008, p. 20.
([9]) Dok. 15984/08.
([10]) Dok. 5927/09.
([11]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([12]) Dok. 10052/09.

14. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009 ([1]), li ddeskrivew ir-riżultati tas-summit informali tal-UE dwar l-impjieg li sar fi Praga f'Mejju 2009 u ddikjaraw li l-ġlieda kontra l-qgħad baqgħet prijorità prinċipali.

15. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2009 ([2]), li enfasizzaw il-ħtieġa tal-promozzjoni, fost miżuri oħrajn, ta' linji politiċi ta' inklużjoni soċjali attiva fid-dawl tad-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni tal-impjiegi.

16. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) ([3]).

([1]) Dok. 11225/1/09 REV 2.
([2]) Dok. 15254/1/09 REV 1.
([3]) ĠU C 311, 19.12.2009.

OPINJONIJIET

IL-KUNSILL

OPINJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Awstrija, 2009-2013

(2010/C 137/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fis-26 ta' April 2010 l-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Awstrija, li jkopri l-perijodu bejn l-2009 u l-2013.

(2) Il-kriżi internazzjonali finanzjarja u ekonomika tefgħet l-ekonomija Awstrijaka fl-akbar reċessjoni fl-istorja ta' wara l-gwerra. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku ġie primarjament trasmess lill-Awstrija minħabba tnaqqis fl-esportazzjonijiet, waqt li kien jirrifletti l-waqgħa tal-kummerċ dinji, u t-tnaqqis fl-investimenti fissi minħabba tnaqqis fid-domanda u wkoll minħabba kondizzjonijiet aktar stretti fis-suq tal-kreditu. Ġeneralment, u skont l-aħħar stima uffiċjali l-PDG naqas b'madwar 3,6 % [2] fl-2009. It-taqsima tal-manifattura li l-aktar ixxaqleb lejn l-esportazzjoni batiet l-aktar.

It-tkabbir tal-konsum privat, għalkemm ħafna aktar baxx milli f'dawn l-aħħar snin, sar fattur ta' stabilizzazzjoni. Il-prezzijiet tal-konsumaturi żdiedu b'biss 0,4 % fl-2009, prinċipalment minħabba effetti qawwija ta' bażi mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-karburanti u taż-żejt għat-tisħin u l-pressjoni 'l isfel fuq il-marġini ta' qligħ minn kundizzjonijiet dgħajfa tad-domanda. Hekk kif l-effetti tar-reċessjoni bdew jinħassu fis-suq tax-xogħol, l-impjiegi naqqsu b'1,4 % fl-2009, waqt li għollew ir-rata tal-qgħad għal 5,0 % (minn 3,8 % fis-sena ta' qabel). Minħabba dan, il-gvern Awstrijak adotta pakkett ta' stimolu fiskali mdaqqas u diskrezzjonali, f'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (PERE). B'konsegwenza tal-miżuri ta' stimolu u t-tħaddim tal-istabbilizzaturi awtomatiċi, il-finanzi pubbliċi marru għall-agħar b'mod sinifikanti, bl-iżbilanċ ġenerali tal-gvern jilħaq it-3,5 % tal-PDG (minn 0,4 % tal-PDG fl-2008) u d-dejn pubbliku 66,5 % tal-PDG fl-2009. Il-Kunsill iddeċieda fit-2 ta' Diċembru 2009 li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fl-Awstrija u ħareġ rakkomandazzjoni biex jikkoreġi l-iżbilanċ sal-2013. Anki jekk l-Awstrija daħlet fil-kriżi b'qagħda finanzjarja kważi bbilanċjata, id-deterjorament sinifikanti fil-finanzi pubbliċi titlob miżuri ta' konsolidazzjoni mdaqqsa.

(3) Għalkemm ħafna mit-tnaqqis fir-ritmu li ġie osservat fil-PDG attwali fil-kuntest tal-kriżi huwa ċikliku, il-livell ta' produzzjoni potenzjali ġie wkoll affettwat b'mod negattiv. Flimkien ma' dan, il-kriżi tista' taffettwa wkoll it-tkabbir potenzjali fuq perijodu ta' żmien medju permezz ta' inqas investiment, restrizzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' kreditu u żieda fil-qgħad strutturali. Barra minn hekk, l-impatt tal-kriżi ekonomika jaggrava l-effetti negattivi tat-tixjiħ demografiku fuq il-produzzjoni potenzjali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. F'dan il-kuntest ser ikun essenzjali li jitħaffef il-pass tar-riformi strutturali bl-għan li jiġi sostnut it-tkabbir potenzjali. B'mod partikolari, huwa importanti għall-Awstrija li twettaq riformi fl-oqsma tal-provvista tax-xogħol (notevolment billi tkompli ttejjeb l-inċentivi għall-ħaddiema mdaħħla fl-età biex ikomplu jaħdmu) u tal-edukazzjoni (billi ttejjeb l-eżitu għaż-żgħażagħ żvantaġġati).

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jistgħu jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/index_en.htm

[2] L-istima saret wara li tressaq il-programm.

(4) Ix-xenarju makroekonomiku abbażi tal-programm ta' stabbiltà ta' Jannar 2010 jipprevedi li t-tkabbir reali tal-PDG għandu jiżdied minn – 3,4 % fl-2009 għal 1,5 % fl-2010-11 u għal madwar 2 % wara dan. Ivvalutat kontra tagħrif disponibbli attwalment [1], dan ix-xenarju jidher kemmxejn favorevoli fl-2010 u bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir plawżibbli fis-snin 2011-2013. Id-differenza fil-previżjoni tat-tkabbir għall-2010 ġejja mill-kontribuzzjoni ogħla tal-programm li ġejja mill-esportazzjoniijet netti li huma ogħla minn dawk fil-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009. Il-previżjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni jidher realistiku.

(5) Il-programm jistima l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fl-2009 għal 3,5 % tal-PDG. Id-deterjorament sinifikanti minn żbilanċ ta' 0,4 % tal-PDG fl-2008 jirrifletti sew l-impatt tal-kriżi fuq il-finanzi tal-gvern, iżda nholoq ukoll millmiżuri ta' stimolu li jammontaw għal 1,5 % tal-PDG li l-gvern adotta f'konformità mal-PERE. Il-parti l-kbira tal-istimolu fiskali introdott fl-2009 kienet ta' natura permanenti (madwar 1,3 % tal-PDG fl-2009, meta mqabbla ma' 0,2 % tal-PDG f'miżuri temporanji). B'konformità mal-istrateġija ta' ħruġ sostnuta mill-Kunsill, u bl-għan li jiġi kkoreġut l-iżbilanċ eċċessiv sal-2013 u li wieħed jerġa' lura għal qagħda ta' finanzi pubbliċi sostenibbli, il-qagħda fiskali għandha tibqa' waħda ta' appoġġ fl-2010 segwita minn issikkar fiskali mill-2011 'il quddiem.

(6) Skont il-programm, fl-2010 l-iżbilanċ ġenerali nominali tal-gvern ser jiżdied minn 3,5 % fl-2009 għal 4,7 %. Il-programm ma jipprevedi kważi l-ebda bidla fil-proporzjon ta' nfiq fl-2010, bid-deterjorament ta' aktar minn 1 % tal-PDG li ġej kważi esklussivament min-naħa tad-dħul. L-aġġornament ma jiddeskrivi l-ebda miżuri addizzjonali ma' dawk li kienu diġà magħrufa fiż-żmien tal-aħħar eżami tal-Awstrija taħt proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, li huwa f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li għandha "timplimenta l-miżuri fiskali fl-2010 kif previst".

Id-deterjorament previst huwa parzjalment minħabba l-istabbilizzaturi awtomatiċi li jaħdmu b'mod liberu u parzjalment minħabba xi miżuri diskrezzjonali. B'mod partikolari, partijiet mir-riforma fit-taxxa tal-2009, jiġifieri għajnuna finanzjarja għall-familji bit-tfal u qtugħ ta' taxxa għal dawk impjegati għal rashom, ser jidħlu fis-seħħ fl-2010 u mistennija jkunu ta' piż fuq il-baġit b'madwar 0,25 % tal-PDG. Id-dispożizzjoni tad-depprezzament aċċellerat, adottata f'Jannar 2009, għandha żżid il-piż tal-baġit addizzjonalment b'madwar 0,1 % tal-PDG. Il-qagħda fiskali mistennija hija espansjonarja billi d-deterjorament fil-bilanċ normali huwa rifless b'żieda ta' 1,25 % tal-PDG fil-bilanċ strutturali aġġustat ċiklikament kif kalkolat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif fil-programm skont il-metodoloġija miftiehma b'mod komuni. Din il-bidla hija differenti mill-bidla spjegata mit-tagħrif dwar il-miżuri diskrezzjonali effettivi fl-2010 (skont l-istrateġija minn isfel għal fuq) stmata mis-servizzi tal-Kummissjoni għal madwar 0,5 % tal-PDG. Parti minn dik id-diskrepanza tista' tiġi spjegata bl-effetti negattivi ta' kompożizzjoni, b'fatturi ta' tkabbir li jxaqilbu lejn l-esportazzjonijiet netti, u b'effetti prolongati fuq id-dħul mit-taxxi korporattivi.

(7) L-għan prinċipali tal-istrateġija baġitarja għall-futur medju huwa li jġib l-iżbilanċ 'l isfel mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG qabel jintemm il-limitu tal-programm, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-programm jipprevedi konsolidazzjoni sinifikanti u mqassam b'mod uniformi fis-snin 2011-2013. Il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jonqos minn 3,9 % tal-PDG fl-2010 għal 2,2 % tal-PDG fl-2013, li jikkorrispondi ma' sforz fiskali annwali medju ta' ftit inqas minn ¾ % tal-PDG tul il-perijodu 2011-2013. Il-bilanċ strutturali primarju huwa mistenni li jinbidel minn 1,25 % ta' żbilanċ tal-PDG fl-2010 għal 0,75 % ta' bilanċ pożittiv tal-PDG fl-2013. Il-programm jistipula li l-proporzjon bejn id-dħul u l-PDG ma tantx għandu jinbidel bejn l-2010 u l-2013 u li l-konsolidazzjoni għandha tinkiseb primarjament fuq in-naħa tal-infiq.

Madankollu, l-unika miżura deskritta fill-programm biex issostni l-konsolidazzjoni ppjanata hija tnaqqis fl-infiq fuq is-settur tal-kura tas-saħħa għal madwar 1,7 biljun euro bejn l-2010 u l-2013, li l-gvern federali qabel miegħu flimkien mal-fondi għas-saħħa pubblika. Billi t-tfaddil li dwaru kien hemm qbil jammonta għal madwar 0,6 % tal-PDG, din il-miżura tipprovdi għal anqas minn terz tal-konsolidazzjoni prevista bejn l-2010 u l-2013. L-objettiv tal-Awstrija għal perijodu medju (MTO) huwa li jinkiseb baġit ibbilanċjat. Ladarba jitqiesu l-previżjonijiet u l-livell tad-dejn l-aktar reċenti, l-MTO jirrifletti b'mod aktar milli sodisfaċenti l-għanijiet tal-Patt. Madankollu, il-programm ma jipprevedix li jintlaħaq l-MTO qabel jintemm il-limitu tal-programm.

(8) Ir-riżultati tal-baġit jistgħu jkunu agħar minn dawk previsti fil-programm għas-sena 2011 u lil hinn minnha. Waqt li l-previżjonijiet tad-dħul fl-aġġornament jibqgħu realistiċi, il-konsolidazzjoni ppjanata fuq in-naħa tal-infiq hija sostnuta biss parzjalment minn miżuri. Riskji addizzjonali speċifiċi relatati mal-garanziji bankarji tal-gvern biex jiġi appoġġat is-settur finanzjarju, li, jekk jissejħu, iwasslu għal żidiet fl-iżbilanċ u fid-dejn. Madankollu, xi spejjeż tal-appoġġ mill-gvern għas-settur finanzjarju jistgħu jiġu anki rkuprati fil-ġejjieni. Fattur ta' riskju żgħir pożittiv huwa l-introduzzjoni potenzjali ta' imposta speċjali għall-banek mill-2011 'il quddiem, li għandha mnejn toħloq 0,2 % tal-PDG fid-dħul.

[1] Il-valutazzjoni tqis notevolment il-previżjoni tas-serivzzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009, imma wkoll tagħrif iehor li sar disponibbli minn dak iż-żmien.

(9) Id-dejn gross tal-gvern huwa stmat għal 66,5 % tal-PDG fl-2009, li tela' minn 62,5 % fis-sena ta' qabel. Minbarra ż-żieda fl-iżbilanċ u l-waqgħa fit-tkabbir tal-PDG, aġġustament fil-fluss tal-istokk li b'mod partikolari jirrifletti l-operazzjonijiet ta' salvataġġ tal-banek, ikkontribwixxa għaż-żieda fil-proporzjon tad-dejn. Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern huwa 'l fuq mill-valur ta' referenza tat-Trattat fl-2009 u qiegħed kulma jmur jiżdied tul il-perijodu kollu tal-programm. Il-proporzjon tad-dejn huwa previst li jiżdied b'7,8 pp matul il-perijodu ta' programmar, partikolarment permezz ta' żbilanċi għolja kontinwi tal-gvern. Flimkien mal-possibbiltà li l-iżbilanċi jirriżultaw ogħla milli ppjanat mill-2011 'il quddiem, l-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn huwa suġġett għal riskji li ġejjin, b'mod partikolari, minn ċerti insikurezzi li jiċċirkondaw l-ispiża tat-tħaddim futur tal-ħames l-akbar bank fil-pajjiż, il-Grupp Hypo Alpe Adria (li jappartjeni lin-nazzjon minn Diċembru 2009) u mill-garanziji tal-Istat maħruġa għad-dejn tal-awtorità tal-awtostrada Awstrijaka (ASFINAG) u l-Ferroviji Federali tal-Awstrija (ÖBB).

(10) Il-previżjonijiet tad-dejn fuq perijodu medju li jassumu r-rati ta' tkabbir tal-PDG biex jirkupraw gradwalment għall-valuri previsti qabel il-kriżi, u l-proporzjonijiet tat-taxxi biex jerġgħu lura għal-livell ta' qabel il-kriżi u jinkludu ż-żieda prevista fl-infiq relatat mat-tixjiħ f'rati ta' imgħax reali, juru li l-istrateġija baġitarja prevista fil-programm, meħuda b'valur nominali u mingħajr aktar tibdil fil-politika, ikun kważi biżżejjed biex jiġi stabbilizzat il-proporzjon tad-dejn mal-PDG sal-2020.

(11) L-impatt baġitarju fuq perijodu twil tat-tixjiħ fl-Awstrija huwa kemmxejn inqas mill-medja tal-UE, bl-infiq fil-pensjonijiet bħala sehem mill-PDG previst li jikber bi ftit biss fuq perijodu twil. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2009, kif stmata fil-programm, iżżid l-impatt baġitarju tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Il-ksib ta' bilanċi pożittivi primarji fuq perijodu medju għandu jikkontribwixxi biex jitnaqqsu ir-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li ġew ivvalutati bħala mezz fir-Rapport ta' Sostenibbiltà 2009 tal-Kummissjoni [1].

(12) Il-qafas baġitarju domestiku eżistenti, ibbażat fuq il-Liġi tal-Ugwaljanza Fiskali ("Finanzausgleichsgesetz") u fuq il-patt ta' stabbiltà interna, huwa kemmxejn kumpless u nieqes mit-trasparenza. Mhux biss id-dħul mill-aktar taxxi individwali huwa mqassam qalb il-livelli territorjali differenti bi proporzjonijiet fissi, iżda wkoll it-teħid tad-deċiżjonijiet f'ħafna oqsma huwa maqsum f'bosta livelli ta' awtorità. Ir-responsabbiltajiet li jgħollu d-dħul u r-responsabbiltajiet tal-infiq għal għadd ta' attivitajiet huma fdati f'livelli ta' gvern differenti. Is-sistema fiha nnifisha ma tinkoraġġix l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. Madankollu, l-Awstrija dan l-aħħar nediet riforma wiesgħa ta' liġi qafas baġitarju f'livell federali.

L-ewwel parti tar-riforma, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009, stabbiliet qafas ta' spiża multiannwali ġdid b'limiti fissi (għal madwar 80 % tal-infiq totali) stipulat għal erba' snin konsekuttivi b'sistema ta' rotazzjoni. Dan mistenni li jwaqqaf l-infiq proċikliku u li jtejjeb l-effettività tal-istabilizzaturi awtomatiċi. It-tieni parti, legalment diġa ppromulgata li tidħol fis-seħħ fl-2013, tinvolvi l-introduzzjoni ta' tfassil ta' baġit skont ir-riżultati u l-modernizzazzjoni tas-sistema ta' verifika tal-amministrazzjoni pubblika u previżjonijiet fit-tul.

(13) Hemm lok għal kisbiet fl-effiċjenza f'bosta oqsma fl-infiq pubbliku Awstrijak, b'mod partikolari fil-kura għas-saħħa u fl-edukazzjoni, fejn il-prestazzjoni tal-Awstrija hija komparabbli jew ftit 'l isfel mill-medja tal-pajjiżi tal-UE, iżda ta' spiss tiġi bi spiża ogħla. Waħda mir-raġunijiet għal din hija li r-responsabbiltajiet finanzjarji u amministrattivi tat-tliet livelli tal-gvern jirkbu fuq xulxin kif imsemmi hawn fuq. Il-programm tal-2010 jiddiskrivi t-tfaddil ippjanat fis-settur tal-kura għas-saħħa, li jiswa madwar 0,6 % tal-PDG matul il-perijodu 2010-2013. Barra minn hekk, jgħid li nħoloq grupp espert biex ifittex modi ta' kif itejjeb l-effettività tal-infiq pubbliku f'bosta oqsma. Madankollu, l-aġġornament ma jiġbed l-attenzjoni lejn l-ebda proposta leġislattiva konkreta ġdida li hija imminenti.

(14) Kollox ma' kollox, l-istrateġija baġitarja għall-2010 stipulata fil-programm hija konsistenti mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7). Madankollu, mill-2011 'il quddiem, bil-kunsiderazzjoni tar-riskji, l-istrateġija baġitarja tista' ma tkunx konsistenti mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7). B'mod partikolari, l-istrateġija tipprevedi t-tnaqqis tal-iżbilanċ għal 2,7 % tal-PDG, u għalhekk il-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv sal-2013 u sforz fiskali annwali medju xi ftit taħt il – 0,75 % tal-PDG matul il-perijodu 2011-2013, iżda fid-dawl tar-riskji dan l-isforz fiskali jista' ma jkunx biżżejjed. Il-pjan ta' konsolidazzjoni spjegat fil-programm, li jibda fl-2011 mhuwiex sostnut b'miżuri adatti. Barra minn hekk, l-istrateġija baġitarja mhijiex biżżejjed biex iġġib il-proporzjon tad-dejn mal-PDG lura lejn id-direzzjoni fejn dan jonqos.

[1] Fil-konklużjonijet tal-Kunsill mill-10 ta' Novembru 2009 dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi "il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex jiffokaw l-attenzjoni fuq l-istrateġiji orjentati lejn is-sostenibbiltà fil-programmi li jmiss ta' stabbiltà u ta' konverġenza", u barra minn hekk "jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, biex ikomplu jiżviluppaw metodoloġiji għall-valutazzjoni ta-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul, fi żmien tajjeb għar-rapport ta' Sostenibbiltà li jmiss", previst għall-2012.

(15) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-*data* speċifikati fil-kodiċi tal-imġiba għal programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm jipprovdi d-*data* kollha meħtieġa u l-parti l-kbira ta' dik fakultattiva [1]. Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009 bl-għan li tinġieb fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv, il-Kunsill stieden ukoll lill-Awstrija biex tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill f'kapitolu separat fl-aġġornamenti tal-programmi ta' stabbiltà. It-taqsima rispettiva tal-aġġornament tal-programm tipprovdi biss tagħrif limitat ħafna dwar kif il-gvern Awstrijak beħsiebu jimxi 'l quddiem fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Il-konklużjoni ġenerali hija li wara l-kriżi finanzjarja u ekonomika l-qagħda tal-finanzi pubbliċi tal-Awstrija marret għall-agħar b'mod sinifikanti minħabba fl-operazzjoni tal-istabbilizzaturi awtomatiċi u pakkett ta' stimolu mdaqqas adottat mill-gvern. Billi l-parti l-kbira tal-miżuri mmirati li jiġġieldu t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku huma ta' natura permanenti, 'il jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri ta' konsolidazzjoni mill-2011 'l quddiem. L-istrateġija baġitarja għall-2010 stipulata fil-programm hija konsistenti mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009. Madankollu, l-istrateġija baġitarja għas-snin 2011-2013 tista' ma tkunx konsistenti mar-rakkomandazzjoni. Il-programm jispeċifika pjan ta' konsolidazzjoni fuq inaħa tal-infiq li jibda mill-2011, iżda dan xorta jeħtieġ sostenn minn miżuri konkreti. Dan l-aħħar l-Awstrija wettqet ħafna riformi sinifikanti fl-infiq pubbliku. Madankollu, għad baqa' lok għat-titjib f'oqsma bħall-kura għas-saħħa u l-edukazzjoni. Kisbiet fl-effiċjenza sostanzjali f'dawn l-oqsma jistgħu jinkisbu bir-riforma ta' relazzjonijiet fiskali bejn il-ħafna livelli ta' gvern.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq u anki fid-dawl tar-rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126 TFUE tat-2 ta' Diċembru 2009, l-Awstrija hija mistiedna:

(i) tissostanzja l-miżuri meqjusin meħtieġa biex issostni l-konsolidazzjoni ppjanata mill-2011 'il quddiem, biex tikseb l-isforz fiskali annwali medju rakkomandat ta' 0,75 % tal-PDG u ġġib l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali 'l isfel mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG sal-2013; u taħtaf, kif preskritt fir-rakkomandazzjoni tal-EDP, kwalunkwe opportunità li lhinn mill-isforz fiskali, inkluż minn kondizzjonijiet ekonomiċi aħjar, biex taċċellera t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn gross lura lejn il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG;

(ii) ittejjeb aktar il-qafas baġitarju biex issaħħaħ id-dixxiplina fiskali f'kull livell tal-gvern permezz ta' titjib fit-trasparenza u r-responsabbiltà notevolment permezz tal-allinjament tar-responsabbiltajiet leġislattivi, amministrattivi u finanzjarji bejn il-livelli differenti tal-gvern u bit-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' infurzar skont il-patt ta' stabbiltà intern.

L-Awstrija hija mistiedna wkoll tibgħat fil-ħin għall-valutazzjoni tal-azzjoni effettiva skont il-Proċedura dwar Żbilanċ Eċċessiv addendum mal-programm biex tirrapporta dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009 u biex tiddeskrivi f'ċertu dettall l-istrateġija ta' konsolidazzjoni li ser tkun meħtieġa biex isir progress lejn il-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv.

Tqabbil ta' previżjonijiet ewlenin makroekonomiċi u baġitarji

		2008	2009	2010	2011	2012	2013
PDG reali (% ta' bidla)	**PS Jan 2010**	**2,0**	**– 3,4**	**1,5**	**1,5**	**1,9**	**2,0**
	COM Nov 2009	2,0	– 3,7	1,1	1,5	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*1,8*	*– 2,2*	*0,5*	*1,5*	*2,0*	*2,3*
Inflazzjoni tal-IAPK (%)	**PS Jan 2010**	**3,2**	**0,4**	**1,3**	**1,5**	**1,8**	**1,9**
	COM Nov 2009	3,2	0,5	1,3	1,6	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*3,2*	*0,6*	*1,1*	*1,3*	*1,5*	*1,9*
Lakuna fil-produzzjoni [1] (% tal-PDG potenzjali)	**PS Jan 2010**	**2,8**	**– 1,8**	**– 1,6**	**– 1,5**	**– 1,3**	**– 1,0**
	COM Nov 2009 [2]	2,8	– 2,2	– 2,6	– 2,7	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*2,6*	*– 0,9*	*– 1,7*	*– 1,6*	*– 1,2*	*– 0,5*
Tislif/self nett fir-rigward tal-bqija tad-dinja (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**3,2**	**2,3**	**2,4**	**2,7**	**2,8**	**2,9**
	COM Nov 2009	3,6	1,4	1,3	1,7	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*2,9*	*1,6*	*0,6*	*1,0*	*1,3*	*1,4*

[1] B'mod partikolari, jeżistu xi nuqqasijiet fil-kategoriji ddettaljati tas-self nett meta mqabbel mal-kumplament tad-dinja, fil-kategoriji ddettaljati tal-aġġustamenti tal-flussi tal-istokk u xi elementi ddettaljati dwar is-sostenibbiltà fuq perijodu twil.

		2008	2009	2010	2011	2012	2013
Introjtu ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**48,4**	**48,0**	**46,9**	**46,8**	**46,9**	**46,9**
	COM Nov 2009	48,4	47,9	47,1	47,1	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*48,2*	*47,5*	*46,5*	*46,4*	*46,1*	*46,1*
Infiq ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**48,9**	**51,5**	**51,6**	**50,9**	**50,2**	**49,7**
	COM Nov 2009	48,9	52,3	52,6	52,4	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*48,7*	*51,1*	*51,3*	*51,1*	*50,9*	*50,1*
Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**– 0,4**	**– 3,5**	**– 4,7**	**– 4,0**	**– 3,3**	**– 2,7**
	COM Nov 2009	– 0,4	– 4,3	– 5,5	– 5,3	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*– 0,4*	*– 3,5*	*– 4,7*	*– 4,7*	*– 4,7*	*– 3,9*
Bilanċ primarju (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**2,2**	**– 0,7**	**– 1,8**	**– 1,2**	**– 0,4**	**0,2**
	COM Nov 2009	2,1	– 1,4	– 2,5	– 2,1	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*2,2*	*– 0,6*	*– 1,7*	*– 1,4*	*– 1,3*	*– 0,4*
Bilanċ aġġustat ċiklikalment [1] (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**– 1,7**	**– 2,7**	**– 3,9**	**– 3,3**	**– 2,7**	**– 2,2**
	COM Nov 2009	– 1,8	– 3,3	– 4,3	– 4,0	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*– 1,6*	*– 3,1*	*– 3,9*	*– 4,0*	*– 4,1*	*– 3,7*
Bilanċ strutturali [3] (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**– 1,7**	**– 2,7**	**– 3,9**	**– 3,3**	**– 2,7**	**– 2,2**
	COM Nov 2009	– 1,8	– 3,3	– 4,3	– 4,0	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*– 1,6*	*– 3,1*	*– 3,9*	*– 4*	*– 4,1*	*– 3,7*
Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG)	**PS Jan 2010**	**62,6**	**66,5**	**70,2**	**72,6**	**73,8**	**74,3**
	COM Nov 2009	62,6	69,1	73,9	77,0	m.d	m.d
	PS Apr 2009	*62,5*	*68,5*	*73,0*	*75,7*	*77,7*	*78,5*

Noti:

(1) Distakki fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-programmi.
(2) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 1,7 %, 1,2 %, 1,4 % u 1,6 % rispettivament fil-perijodu 2008-2011
(3) Bilanċ aġġustat ċiklikament bl-esklużjoni ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn. Ma hemmx miżuri ta' darba jew miżuri temporanji oħrajn fl-aħħar programm u fil-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Novembru 2009.

Sors:

Programm ta' Stabbiltà (PS); Il-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009 (COM); Il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni;.

OPINJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm ta' konverġenza aġġornat tal-Bulgarija, 2009-2012

(2010/C 137/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fl-26 ta' April 2010 l-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza aġġornat tal-Bulgarija, li jkopri l-perijodu mill-2009 sa l-2012.

(2) Qabel il-bidu tat-tnaqqis ekonomiku u finanzjarju globali l-Bulgarija rat tkabbir reali qawwi fil-PDG ibbażat fuq espansjoni mgħaġġla tal-kreditu u dħul kbir mill-investiment barrani. L-attività ekonomika robusta, madankollu, kienet akkumpanjata minn nuqqas ta' bilanċi makroekonomiċi bħall-akkumulazzjoni ta' żbilanċ estern u dejn privat kbar ħafna kif ukoll pressjonijiet inflazzjonarji sostanzjali. It-tkabbir qawwi fl-investiment immexxi mill-FDI u żidiet kbar fil-pagi, li jaqbżu sew il-kisbiet tal-produttività aggravaw dawn in-nuqqas ta' bilanċi. Hekk kif tfaċċat il-kriżi ekonomika globali, l-attività ekonomika intlaqtet ħażin ħafna, li wassal għal kontrazzjoni fil-PDG reali ta' 5 % fl-2009.

Fl-istess waqt it-tnaqqis wassal għal korrezzjoni mixtieqa fin-nuqqas ta' bilanċi fejn l-inflazzjoni medja ddeċellerat għal 2.5 % fl-2009 u l-iżbilanċ fil-kont kurrenti naqas rapidament għal 9,4 % tal-PDG. Għalkemm l-iżbilanċ fil-kont kurrenti kien iffinanzjat kollu mill-FDI, id-dejn estern gross tal-pajjiż li qiegħed madwar 110 % tal-PDG għadu relattivament għoli. Il-Bulgarija ma adottatx pakkett ta' stimolu fiskali għall-medda l-qasira taż-żmien b'reazzjoni għat-tnaqqis ekonomiku. Meta wieħed iqis in-nuqqas ta' bilanċi makroekonomiċi wiesa' qabel it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, b'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (PERE), l-enfasi tal-isforzi politiċi kienet immirata lejn miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali, l-iktar bittrażżin tal-infiq u t-titjib fil-konformità fiskali. Konsegwentement, il-programm ta' konverġenza Bulgaru stima żbilanċ ġenerali tal-gvern għal 3 % tal-PDG fl-2009 [2]. L-isfida ewlenija għall-medda qasira u dik medja taż-żmien għall-ekonomija hija li tiżgura proċess sostnut biex tlaħħaq mingħajr ma tikkompromietti l-istabbiltà fiskali u makroekonomika.

(3) Għalkemm ħafna mit-tnaqqis osservat fil-PDG attwali fil-kuntest tal-kriżi huwa ċikliku, it-tkabbir fil-produzzjoni potenzjali ser ikompli b'pass inqas mgħaġġel. Barra minn hekk, il-kriżi tista' taffettwa wkoll it-tkabbir potenzjali fil-medda medja taż-żmien permezz ta' inqas investiment, nuqqas ta' disponibilità tal-kreditu u żieda fil-qgħad strutturali. Barra dan, l-impatt tal-kriżi ekonomika jaggrava l-effetti negattivi tat-tixjiħ demografiku fuq il-produzzjoni potenzjali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. F'dan l-isfond ser ikun essenzjali li jitħaffef il-pass tar-riformi strutturali bl-għan ta' sostenn tat-tkabbir potenzjali. B'mod partikolari, għall-Bulgarija huwa importanti li jsiru riformi fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, il-pensjonijiet, l-edukazzjoni, l-amministrazzjoni pubblika, u l-ambjent tan-negozju.

(4) Ix-xenarju makroekonomiku ta' bażi li l-programm iqisu bħala x-xenarju ta' referenza għall-valutazzjoni tal-previżjoni baġitarja jipprevedi li t-tkabbir reali fil-PDG ser jitjieb minn -5 % fl-2009 għal 0,3 % fl-2010 qabel ma jirkupra għal rata medja ta' 4¼ % matul il-bqija tal-perijodu tal-programm. Meta vvalutat fl-isfond tal-informazzjoni disponibbli bħalissa [3], jidher li huwa bbażat fuq previżjonijiet ta' tkabbir kemxejn favorevoli peress li kemm it-tkabbir previst fl-2010 u kemm l-evoluzzjoni tiegħu fil-perijodu medju jidhru li huma fuq in-naħa l-għolja tal-firxa tal-previżjoni ta' bħalissa. It-tmiem tal-iżbilanċi li bdew fl-2009 huwa proġettat li jkompli matul il-peijodu tal-programm. L-inflazzjoni hija mistennija tibqa' mrażżna fl-2010-2012, u l-previżjoni tagħha jidher li huwa realistiku u fil-parti l-kbira konformi mal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009. Il-kontijiet esterni huma mistennija jkomplu jitjiebu. Filwaqt li fl-2009 dawn iddinamiċi kienu mmexxija minn importazzjonijiet li kienu qed jonqsu iktar malajr mill-esportazzjonijiet, fil-medda l-medja taż-żmien il-korrezzjoni tkun minħabba li l-esportazzjonijiet jiżdiedu iktar malajr u iktar kmieni mill-importazzjonijiet. Għalkemm ix-xenarju bażi jidher li huwa biss kemxejn favorevoli meta mqabbel mal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa u meta titqies l-iktar informazzjoni reċenti disponibbli, il-plawżibilità tagħha tiddependi b'mod kritiku fuq il-preżunt ribilanċjament tat-tkabbir lejn xejra iktar sostenibbli, bl-esportazzjonijiet

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/index_en.htm.

[2] Madankollu, fid-9 ta' April l-awtoritajiet Bulgari ħabbru li l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern seta' laħaq it-3,7 % tal-PDG fl-2009.

[3] Il-valutazzjoni tqis notevolment il-previżjoni tas-serivzzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, imma wkoll tagħrif ieħor li sar disponibbli minn dak iż-żmien 'l hawn.

bħala l-mutur prinċipali. Il-programm jippreżenta wkoll xenarju "pessimistiku" u ieħor "ottimistiku" alternattiv. Huma jvarjaw mix-xenarju bażi l-iktar fir-rigward tal-preżunzjonijiet dwar il-waqt tal-irkupru ekonomiku u d-dinamika tal-esportazzjonijiet. Ix-xenarju pessimistiku jippreżenta kontrazzjoni kontinwa ta' PDG reali ta' 2 % fl-2010 fid-dawl ta' tnaqqis ulterjuri tal-esportazzjonijiet, bil-preżunzjoni li l-irkupru jseħħ biss fl-2011. Skont ix-xenarju ottimistiku, irkupru globali iktar mgħaġġel jgħolli t-tkabbir fil-PDG bi — ta' punt perċentwali tul il-perijodu kollu tal-programm.

(5) Id-deterjorament sinifikanti tal-bilanċ ġenerali tal-gvern fl-2009 jirrifletti fil-parti l-kbira l-impatt tal-kriżi fuq il-finanzi tal-gvern. Minħabba l-ħtieġa li l-istabbiltà makroekonomika tinżamm taħt l-arranġament tal-bord tal-munita, f'konformità mal-PERE il-gvern ma adottax miżuri ta' stimolu. Id-deterjorament kien għalhekk ikkawżat primarjament minn nuqqas ta' dħul bħala riżultat tat-tnaqqis f'daqqa mhux mistenni u tibdil fil-kompożizzjoni tal-PDG. It-telf tad-dħul kien madankollu parzjalment ikkumpensat minn tnaqqis fl-infiq. Biex tiġi stabbilizzata l-qagħda fiskali, fit-tieni nofs tas-sena l-awtoritajiet implimentaw pakkett ta' konsolidazzjoni fiskali li jammonta għal 2.3 % tal-PDG. Il-pakkett kien jikkonsisti f'miżuri biex jonqos ulterjorment l-infiq primarju (lil hinn mil-limitu ta' 90 % implikat mir-regola ta' eżekuzzjoni bażitarja eżistenti) kif ukoll il-miżuri għat-titjib fil-konformità mat-taxxa. Minkejja diversi reviżjonijiet 'l isfel tal-mira bażitarja, u minkejja t-tnaqqis addizjonali sinifikanti, matul is-sena, l-isforz ta' konsolidazzjoni fiskali ppermetta lill-Bulgarija tikseb żbilanċ ġenerali tal-gvern relattivament baxx fl-2009.

(6) Għall-2010, il-programm ta' konverġenza jimmira li jikseb bażit ibbilanċjat. Il-proporzjon ta' dħul mal-PDG huwa mistenni li jiżdied għal kważi 39¼ % tal-PDG (minn 37½ % tal-PDG fis-sena preċedenti), appoġġat minn taxxi indiretti ogħla u dħul ieħor. Minkejja li mxiet lejn kompożizzjoni tal-PDG inqas fiskalment favorevoli, iż-żieda qawwija fi dħul mit-taxxi indiretti hija spjegata minn titjib sinifikanti mistenni fil-konformità mat-taxxa u żieda fir-rati tat-taxxa tas-sisa għas-sigaretti u l-elettriku għall-produzzjoni industrijali. Madankollu, il-programm ma jagħti l-ebda dettalji dwar iż-żieda mistennija fi dħul ieħor b'1 % tal-PDG. B'kuntrast il-kontribuzzjonijiet soċjali huma previsti li jonqsu bi ¼ ta' punt perċentwali tal-PDG minħabba tnaqqis fir-rati tal-kontribuzzjoni b'2 punti perċentwali. Il-proporzjon tal-infiq mal-PDG huwa mistenni li jonqos kemm kemm b'madwar ¼ ta' punt perċentwali tal-PDG fl-2010, l-iktar b'riżultat ta' semplifikazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Il-Pagi nominali tas-settur pubbliku u l-konsum intermedju jidhru li mhux ser jinbidlu mil-livell tal-2008, b'sehemhom jonqos bħala perċentwali tal-PDG fl-2010.

Dawn il-miżuri li jnaqqsu l-infiq jikkompensaw sew għaż-żieda b'0.2 % tal-PDG fil-pensjonijiet tar-romol u tal-anzjani fl-2010. Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross huwa ppjanat li jibqa' kostanti bħala perċentwali tal-PDG fl-2009-2011. Minħabba f'hekk, il-bilanċ strutturali (ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-programm skont il-metodoloġija bi qbil komuni) huwa previst li jiżdied bħala sehem mill-PDG b'2— punti perċentwali meta mqabbel mal-2009, li jimplika qagħda ta' politika fiskali restrittiva ppjanata fl-2010. L-istima minn isfel għal fuq tal-qagħda fiskali fl-2010 hija responsabbli għal madwar nofs l-aġġustament strutturali previst, ibbażat fuq il-miżuri li huma msemmija fil-programm. It-titjib tal-bilanċ strutturali fil-programm huwa sewwa 'l fuq mill-previżjonijiet tal-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa.

(7) L-għan ewlieni tal-istrateġija bażitarja għall-medda medja taż-żmien hija li jinżamm bażit tal-gvern ġenerali bbilanċjat tul il-perijodu tal-programm. Dan jintlaħaq billi l-proporzjonijiet ta' dħul u nfiq mal-PDG jibqgħu bejn wieħed u ieħor l-istess fuq 39¼ % bħala medja fis-snin imbegħdin. L-objettiv bażitarju għall-medda medja taż-żmien (MTO), definit f'termini strutturali, (jiġifieri nett minn miżuri ta' darba jew oħrajn temporanji aġġustati ċiklikament), huwa bilanċ pożittiv ta' ½ % tal-PDG, li l-programm jimmira li jilħaq mill-2010 'l quddiem. Minħabba l-previżjonijiet l-aktar reċenti u l-livell tad-dejn, l-MTO jirrifletti tajjeb ferm l-objettivi tal-Patt.

(8) Ir-riżultati bażitarji jistgħu jispiċċaw ikunu agħar milli previsti. Ir-riskju ewlieni ġej mix-xenarju makroekonomiku sottostanti, li hu msejjes fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir kemxejn favorevoli għall-perijodu tal-programm. B'mod partikolari, id-dħul jista' jkun iktar baxx milli previst fl-2010-2012 minħabba rkupru ekonomiku inqas evidenti. Barra minn hekk, l-ibbilanċjar mill-ġdid tat-tkabbir lejn komponenti inqas miżgħuda bit-taxxa iġib ukoll riskju sinifikanti ta' telf għad-dħul tal-gvern, filwaqt li wieħed għadu jrid jara l-effett sħiħ tal-miżuri biex titjieb il-konformità mat-taxxa u d-dixxiplina bażitarja. Fuq in-naħa tal-infiq, ammont ta' tfaddil konsiderevoli fil-kategorija tal-infiq l-oħra jibqa' mhux speċifikat.

Barra minn hekk, l-ambitu għal tnaqqis addizzjonali fl-infiq biex jikkumpensa għad-dħul jista' jinstab li huwa limitat wara li l-isforzi ta' tisħiħ fiskali ġew indirizzati b'mod sinifikanti lejn l-ewwel parti tal-2009. Fl-aħħar nett, ir-reviżjoni 'l isfel tal-bilanċ ġenerali tal-gvern tal-2009 mħabbra wara l-preżentazzjoni tal-programm iġġib riskji addizjonali għall-eżitu bażitarju fl-2010

(9) Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern huwa ferm iktar baxx mill-valur ta' referenza tat-Trattat tul il-perijodu kollu tal-programm. Huwa stmat għal qrib il-15 % tal-PDG fl-2009, kemm kemm ogħla mis-sena ta' qabel. Il-kontributuri ewlenin għaż-żieda żgħira fil-proporzjon tad-dejn kienu d-deterjorament tal-bilanċ bażitarju u d-deklin fit-tkabbir tal-PDG li sa ċertu punt tpaċew minn

aġġustament tal-fluss tal-ħażniet li jnaqqsu d-dejn. Il-proporzjon tad-dejn huma previst li jistabbilizza fil-wisa' fil-livell tal-2009 tul il-perijodu tal-programm l-iktar minħabba baġits tal-gvern ibbilanċjati previsti. Ir-riskji għall-evoluzzjoni mistennija tal-proporzjon tad-dejn, ħlief dawk relatati wkoll mal-iżbilanċ, jidhru li huma bbilanċjati fil-wisa'.

(10) Id-dejn gross tal-gvern jinsab f'livell baxx u l-previżjonjiet għall-perijodu medju sal-2020 li jassumu li r-rati tat-tkabbir tal-PDG ser jirkupraw gradwalment biss għall-valuri previsti qabel il-kriżi, il-proporzjonijiet tat-taxxa ser jirritornaw għal-livelli ta' qabel il-kriżi u li jinkludu ż-żieda prevista f'infiq relatat mat-tixjiħ juri li l-istrateġija baġitarja ppjanata fil-programm, meqjus b'valur nominali u mingħajr aktar tibdil fil-politika, tkun biżżejjed biex tnaqqas il-proporzjon tad-dejn mal-PDG u tippermetti li tintlaħaq pożizzjoni ta' valur nett tal-assi sal-2020.

(11) L-impatt baġitarju fuq medda twila ta' żmien tal-popolazzjoni li qed tixjieħ huwa kemxejn inqas mill-medja tal-UE. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2009, kif prevista fil-programm, tkompli tkabbar l-impatt baġitarju tal-popolazzjoni li qed tixjieħ minħabba l-lakuna li hemm fis-sostenibbiltà. Il-kisba ta' bilanċi pożittivi primarji iktar għoljin għall-perijodu medju, kif diġà previst fil-programm, tgħin biex jonqsu ulterjorment ir-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li ġew ivvalutati bħala baxxi fir-rapport ta' sostenibilità 2009 tal-Kummissjoni ([1]).

(12) Il-qafas baġitarju domestiku jidher relattivament qawwi kif evidenzjat mill-passat fejn intlaħqu l-miri baġitarji, għalkemm f'ambjent ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi pożittivi. Fl-2009, il-Bulgarija taffiet l-impatt baġitarju negattiv tal-kriżi billi implimentat miżuri ta' konsolidazzjoni konsiderevoli. In-nuqqasijiet tal-qafas fiskali preżenti huma relatati mal-eżistenza ta' ċerti setgħat diskrezzjonali tal-gvern ċentrali. Barra minn hekk, il-qafas ma jinkorpora l-ebda regoli multiannwali u l-limiti massimi tal-infiq stabbiliti tul l-ippjanar fiskali għall-medda medja taż-żmien huma vinkolanti biss fil-medda l-qasira. Il-programm ma jipprevedi l-ebda bidliet sostanzjali għall-qafas baġitarju ħlief li tbiegħed it-tmiem taż-żmien tal-qafas fiskali għall-medda medja taż-żmien minn tliet snin għal erbgħa biex jikkoinċidu mal-mandat tal-gvern u b'hekk il-politika għall-medda medja taż-żmien issir iktar prevedibbli. Ir-regola ta' eżekuzzjoni ta' 90 % tal-baġit tinbidel b'dispożizzjoni li tippermetti lill-gvern ipaċi tnaqqis fid-dħul probabbli tal-baġit billi l-ispejjeż primarji jitnaqqsu għal taħt l-approprjazzjonijiet annwali. Ir-regola l-ġdida tipprevedi flessibbiltà akbar u spazju għal politika ta' konsolidazzjoni diskrezjonali mill-gvern fiż-żmien ta' kriżi. Madankollu, in-nuqqas ta' tfassil u definizzjoni iktar ċari dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tikkaġuna ċerta nuqqas ta' trasparenza fil-qafas baġitarju.

(13) Il-programm jagħraf id-dgħufija eżistenti fil-kwalità tal-finanzi pubbliċi. Huwa jagħraf il-bżonn li tittieħed azzjoni politika urġenti biex tpatti għall-konsegwenzi sfavorevoli ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u ta' tendenzi demografiċi li qed jeħżienu fuq is-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Miżuri ambizzjużi ta' riforma strutturali huma ppreżentati fil-qasam tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-sistema tal-pensjonijiet, u l-amministrazzjoni pubblika u tad-dħul bl-għan li tissaħħaħ l-effiċjenza u l-effikaċja tad-dħul u l-infiq pubbliku u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija biex tiġi żgurata konverġenza sostenibbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Ir-riformi jipprevedu l-ottimizzazzjoni tal-istrutturi eżistenti, is-semplifikazzjoni tal-impjiegi pubbliċi, il-bdil tal-mekkaniżmu tal-ispejjeż u l-finanzjament għas-servizzi tas-saħħa, l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riforma skont l-istrateġija ta' riforma tal-pensjonijiet adottata dan l-aħħar, miżuri għar-riforma tal-edukazzjoni terzjarja u r-riċerka u l-iżvilupp, u l-bdil tal-mudell ta' ġestjoni tal-assi tal-istat pubbliku.

(14) Meta jitqiesu r-riskji għall-miri fiskali msemmija hawn fuq, l-istrateġija baġitarja tal-programm tista' titqies li hi fil-wisa' konformi mar-rekwiżiti tal-Patt u li twassal għall-preżervazzjoni tal-istabilità makroekonomika u l-fiduċja tal-investitur fl-ekonomija Bulgara. Hija tipprevedi konsolidazzjoni strutturali ambizzjuża ta' – 2 % tal-PDG fl-2010, bl-ebda titjib ulterjuri fis-snin ta' wara. Il-konsolidazzjoni ppjanata fl-2010 mhix sostnuta minn miżuri msemmija fil-programm. Barra minn hekk, il-kisba sħiħa tagħha tiddependi fuq xenarju makroekonomiku ottimista b'aktar riskji li ġejjin mir-reviżjoni 'l fuq tal-iżbilanċ tal-2009. Mill-2011 'l hemm, in-nuqqas ta' speċifikazzjoni tal-miżuri fil-programm tista' timmina iktar it-triq prevista għall-aġġustament. L-MTO huwa mistenni li jintlaħaq u jaqbeż b'marġini pjuttost kbir diġà fl-2010 li jagħmel il-pass tal-konsolidazzjoni strutturali pjuttost ambizzjuż fid-dawl taż-żminijiet ekonomiċi koroh li għaddejja minnhom l-ekonomija u r-riskji għall-istrateġija baġitarja msemmija hawn fuq. Il-qagħda fiskali ġenerali, kif imkejla mill-bidla fil-bilanċ strutturali, hija restrittiva fl-2010 u tibqa' ġeneralment newtrali fl-2011, u tipprevedi rilassament fiskali fl-2012. L-għan tal-programm għall-medda medja taż-żmien li jinżamm bilanċ pożittiv aġġustat ta' ½ % tal-PDG jintlaħaq fil-bidu tal-2010.

(15) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data speċifikati fil-kodiċi tal-kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm fih xi lakuni fid-data mitluba u f'dik fakultattiva ([2]).

([1]) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 Novembru 2009 dwar is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi "il-Kunsill sejjaħ lill-Istati Membri biex jiffukaw l-attenzjoni tagħhom lejn strateġiiji orjentati lejn is-sostenibilità fil-programmi ta' stabilità u konverġenza li ġejjin" u "jistieden ulterjorment lill-Kummissjoni, flimkien mal-Kumitat għall-Politika Ekonomika u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, biex jiġu żviluppati ulterjorment metodoloġiji għall-valutazzoni tas-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi fil-hin għar-rapport ta' Sostenibilità li jmiss," li huwa previst fl-2012.

([2]) B'mod partikolari, data dwar miżuri ta' darba u oħrajn temporanji, konsum intermedju, infiq f'imgħax u xi data ta' sostenibilità fit-tul mhumiex ipprovduti.

Il-konklużjoni ġenerali hi li l-għan tal-programm li tinżamm pożizzjoni baġitarja soda, riflessa f'baġits ibbilanċjati ppjanati tal-gvern ġenerali, jitqies adegwat fil-pożizzjoni ekonomika attwali u fid-dawl tal-bżonn li jitrażżnu n-nuqqas ta' bilanċi esterni tal-ekonomija. Il-miżuri ta' konsolidazzjoni meħuda u l-impenn politiku qawwi għad-dixxiplina fiskali huma mistennija li jikkumpensaw parzjalment ir-riskji li jkunu ġejjin mill-preżunzjonijiet kemxejn favorevoli dwar it-tkabbir u l-ġbir tad-dħul. Fil-medda qasira taż-żmien sa dik medja l-programm jipprevedi riformi strutturali ambizzjużi li għandhom l-għan li jsaħħu s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi u fl-istess waqt isostnu l-irkupru ekonomiku. Bil-kundizzjoni tar-riskji min-naħa t'isfel minn inċertezza li għadha għolja fl-ambjent estern, il-qagħda baġitarja timplika li l-għan għall-medda medja taż-żmien ta' ½ % tal-PDG, għalkemm jirrifletti b'mod adegwat ħafna l-għanijiet tal-Patt, jintlaħaq tul il-parti l-kbira tal-perijodu tal-programm. Il-Bulgarija hija miftuħa għall-isfida li ssostni l-proċess ta' rkupru f'ambjent ekonomiku globali inqas favorevoli. Fl-istess waqt li tinżamm politika fiskali stretta u jiġi ristrett l-iżvilupp tal-pagi b'konformità mat-tkabbir tal-produttività huwa ggarantit mill-bżonn li tissaħħaħ il-kompetittività u jiġi korrett in-nuqqas ta' bilanċi esterni. Fil-medda t-twila taż-żmien, titjib fil-kwalità u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi jirrikjedi implimentazzjoni rigoruża tar-riformi strutturali ppjanati u li ilhom jiġu posposti u tiżdiħ fil-kapaċità amministrattiva.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq u minħabba l-bżonn li tiġi żgurata konverġenza sostenibbli, il-Bulgarija hija mistiedna biex:

(i) tkompli timplimenta politiki fiskali stretti u tadotta aktar miżuri ta' konsolidazzjoni biex tilħaq il-mira tal-programm għall-2010 bil-ħsieb tat-tiżdiħ tal-aġġustament li għaddej fl-iżbilanċi esterni u s-salvagwardjar tal-kunfidenza tal-investituri fl-ekonomija; b'mod partikolari, trażżan iż-żieda fil-pagi fis-settur pubbliku biex tikkontribwixxi għall-moderazzjoni ġenerali tal-pagi u ttejjeb il-kompetittività;

(ii) issaħħaħ l-effiċjenza tal-infiq pubbliku billi timplimenta rigorożament ir-riformi strutturali ppjanati fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u l-pensjonijiet sabiex tagħti spinta lill-produttività u tiżgura l-konverġanza sostenibbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Tqabbil ta' previżjonijiet ewlenin makroekonomiċi u baġitarji

		2008	2009	2010	2011	2012
PDG reali (% ta' bidla)	**PK Jan 2010**	**6,0**	**– 4,9**	**0,3**	**3,8**	**4,8**
	COM Novembru 2009	6,0	– 5,9	– 1,1	3,1	m.d.
	CP Diċ 2008	*6,5*	*4,7*	*5,2*	*5,8*	*m.d.*
Inflazzjoni HICP (%)	**PK Jan 2010**	**12,0**	**2,5**	**2,4**	**2,8**	**2,8**
	COM Novembru 2009	12,0	2,4	2,3	2,9	m.d.
	CP Diċ 2008	*12,4*	*6,7*	*4,7*	*4,0*	*m.d.*
Lakuna bejn il-prodott effettiv u dak potenzjali ([1]) (% tal-PDG potenzjali)	**PK Jan 2010**	**4,8**	**– 3,5**	**– 5,7**	**– 4,7**	**– 2,5**
	COM Novembru 2009 ([2])	6,0	– 3,1	– 6,0	– 5,1	m.d.
	CP Diċ 2008	*1,1*	*– 0,7*	*– 1,8*	*– 1,4*	*m.d.*
Self mogħti/meħud nett meta mqabbel mal-bqija tad-dinja (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**– 24,6**	**– 8,2**	**– 4,1**	**– 1,2**	**– 0,5**
	COM Novembru 2009	– 22,1	– 12,8	– 8,7	– 6,7	m.d.
	CP Diċ 2008	*– 22,9*	*– 20,7*	*– 18,4*	*– 16,6*	*m.d.*
Dħul tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**39,1**	**37,5**	**39,2**	**39,6**	**39,1**
	COM Novembru 2009	39,1	38,7	38,4	38,4	m.d.
	CP Diċ 2008	*41,3*	*43,4*	*43,4*	*43,7*	*m.d.*
Nefqa tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**37,3**	**39,4**	**39,2**	**39,5**	**39,0**
	COM Novembru 2009	37,3	39,5	39,5	38,7	m.d.
	CP Diċ 2008	*38,3*	*40,4*	*40,4*	*40,7*	*m.d.*
Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**1,8**	**– 1,9** ([3])	**0,0**	**0,1**	**0,1**
	COM Novembru 2009	1,8	– 0,8	– 1,2	– 0,4	m.d.
	CP Diċ 2008	*3,0*	*3,0*	*3,0*	*3,0*	*m.d.*

		2008	2009	2010	2011	2012
Bilanċ primarju (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**2,7**	**– 1,3**	**0,9**	**1,0**	**1,1**
	COM Novembru 2009	2,7	0,0	– 0,3	0,5	m.d.
	CP Diċ 2008	*3,9*	*3,9*	*3,9*	*3,9*	*m.d.*
Bilanċ aġġustat b'mod ċikliku ([1]) (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**0,2**	**– 0,7**	**1,9**	**1,7**	**1,0**
	COM Novembru 2009	– 0,3	0,3	1,0	1,5	m.d.
	CP Diċ 2008	*2,6*	*3,2*	*3,6*	*3,5*	*m.d.*
Bilanċ strutturali ([4]) (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**0,2**	**– 0,7**	**1,9**	**1,7**	**1,0**
	COM Novembru 2009	– 0,3	0,3	1,0	1,5	m.d.
	CP Diċ 2008	*2,6*	*3,2*	*3,6*	*3,5*	*m.d.*
Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG)	**PK Jan 2010**	**14,1**	**14,7**	**14,6**	**14,5**	**14,4**
	COM Novembru 2009	14,1	15,1	16,2	15,7	m.d.
	CP Diċ 2008	*15,4*	*15,4*	*15,3*	*15,2*	*m.d.*

Noti:

([1]) Lakuni fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif fil-programmi.

([2]) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 3,1 %, 2,9 %, 3,0 % u 3,4 % rispettivament fil-perijodu 2009-2012.

([3]) L-Eurostat bħalissa qiegħed jiddiskuti mal-awtoritajiet statistiċi Bulgari dwar l-irreġistrar fil-kontijiet nazzjonali tal-dħul ta' kapital fil-kumpaniji Bulgari tal-enerġija, li jistgħu jżidu l-iżbilanċ tal-gvern fl-2009 b'0,6 % tal-PDG.

([4]) Bilanċ aġġustat ċiklikament li jeskludi miżuri ta' darba biss u oħrajn temporanji. M'hemmx miżuri ta' darba jew oħrajn temporanji fl-aħħar programm u fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa.

Sors:

Programm ta' konverġenza (CP); Il-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009 (COM); Il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.

II

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.5852 – Oak Hill Capital Partners/Private Equity/Avolon)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 137/04)

Fit-18 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5852. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.5834 – Coca-Cola Enterprises/Coca-Cola Drycker Sverige/Coca-Cola Drikker)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 137/05)

Fit-18 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5834. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.5810 – Investor/Saab)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 137/06)

Fl-20 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5810. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

(Avviżi)

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 dwar l-Europeana: il-passi li jmiss

(2010/C 137/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

BILLI:

— il-ħolqien tal-bibljoteka diġitali Ewropea Europeana, li hija punt ta' aċċess multilingwistiku online għall-materjal kulturali diġitali tal-Ewropa kollha (kotba, gazzetti, ritratti, xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi, dokumenti tal-arkivji, opri f'mużewijiet, wirt monumentali u arkeoloġiku, eċċ.), jikkostitwixxi opportunità eċċellenti biex jiġi apprezzat il-wirt kulturali tal-Istati Membri, u kif ukoll biex jiżdied l-aċċess għal dak il-wirt u l-għarfien dwaru;

— id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà online tal-materjal kulturali tal-Istati Membri u l-konservazzjoni diġitali huma essenzjali sabiex jiġi enfasizzat dak il-wirt kulturali, jiġi ispirat il-ħolqien tal-kontenut u sabiex titħeġġeġ l-evoluzzjoni ta' servizzi ġodda online;

WAQT LI JFAKKAR:

— Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà online ta' materjal kulturali, u l-konservazzjoni diġitali.

— Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-bibljoteka diġitali Ewropea, EUROPEANA, li taw l-ewwel impetu ta' politika għall-iżvilupp ta' din il-pjattaforma komuni ta' aċċess għall-wirt kulturali Ewropew.

— Fir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar Bibljoteki Diġitali "Bibljoteki Diġitali: Rakkomandazzjonijiet u Sfidi għall-Futur".

FILWAQT LI JILQA' B'INTERESS:

— Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' Awwissu 2009 "Europeana – il-passi li jmiss", li nediet proċess ta' konsultazzjoni bl-għan li jiġu analizzati l-mezzi l-aktar adegwati li jiggarantixxu li l-Europeana u l-linji ta' politika sottostanti dwar id-diġitalizzazzjoni, l-aċċessibbiltà online u l-konservazzjoni diġitali jipprovdu l-kultura Ewropea b'viżibbiltà dejjiema fl-ambjent diġitali.

— L-għan li jsiru disponibbli online 10 miljun xogħlijiet diġitalizzati permezz tal-Europeana sal-aħħar tal-2010.

— Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2009 "Id-Dritt tal-Awtur fl-Ekonomija tal-Għarfien", li tindirizza espliċitament l-isfidi legali li qegħdin jemerġu għall-bibljoteki u l-arkivji meta jiddiġitalizzaw il-kollezzjonijiet tagħhom.

FILWAQT LI JAGĦRAF B'INTERESS:

— Wara diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura tas-27 ta' Novembru 2009, il-ħolqien mill-Kummissjoni ta' grupp Ewropew ta' riflessjoni ("comité des sages") dwar id-diġitalizzazzjoni, li ser jikkunsidra b'mod partikolari l-kwistjonijiet relatati mas-sħubiji pubbliċi-privati; jistieden lill-grupp sabiex iwettaq konsultazzjonijiet wesgħin u jagħmel l-aħjar użu mill-kontributi pprovduti mill-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti, u sabiex jipprovdi informazzjoni regolari dwar l-attivitajiet tiegħu, kif adatt.

JINNOTA:

— Il-progress li sar s'issa, li wassal għall-ħolqien tal-Fondazzjoni "Ewropea tal-Bibljoteki Diġitali" u għat-tnedija tal-prototip EUROPEANA fl-20 ta' Novembru 2008, bħala pass deċiżiv f'dan il-proċess.

— Li l-passi importanti li jmiss ser ikunu l-preżentazzjoni ta' "Europeana 1.0" fl-2010 u l-konsolidazzjoni sussegwenti tal-pjattaforma.

JISSOTTOLINJA:

— L-isfidi organizzattivi, legali u finanzjarji għad-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà online ta' materjal kulturali, kif ukoll għall-konservazzjoni diġitali, bħal kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali u l-ħtieġa li jinstab finanzjament komplementari għad-diġitalizzazzjoni, li jista' jinkludi sħubiji pubbliċi-privati.

— L-importanza li jiġi żgurat li dawn l-isfidi jiġu ttrattati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri b'mod parallel mal-passi spejagti hawn taħt, sabiex l-Europeana tiġi kkonsolidata bħala struttura bażika u punt ta' aċċess komuni għall-materjal kulturali.

— Il-ħtieġa għall-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif ukoll għall-korpi u l-istituzzjonijiet involuti b'mod attiv fl-Europeana li jżidu l-isforzi tagħhom biex jespandu u jarrikixxu l-Europeana fis-snin li ġejjin, kemm f'termini kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi.

JISSOTTOLINJA LI:

— L-Europeana għandha tkompli l-iżvilupp tagħha bħala sforz kollaborattiv tal-istituzzjonijiet kulturali Ewropej, u l-ħidma tagħha fuq it-titjib tal-portal – inkluż preżentazzjoni aktar koerenti u attraenti tal-punti diġitalizzati, filwaqt li tittratta aspetti multilingwi, u ssaħħaħ il-faċilitajiet tat-tiftix - sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet u l-istennijiet tal-utenti.

— Għall-konsolidazzjoni fit-tul tal-Europeana mudell ta' finanzjament u governanza għandu jqis ir-rwol tal-Europeana li toffri l-aktar aċċess wiesa' possibbli, fuq bażi transkonfini, għall-kollezzjonijiet kulturali, l-ambitu u n-natura Europeana tas-sit, kif ukoll ir-rwol konsiderevoli tal-istituzzjonijiet kulturali.

— Id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà online tal-wirt kulturali tagħna għandhom jitwettqu b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali; hemm ħtieġa li jsir progress rapidu biex jinstabu soluzzjonijiet vijabbli għad-diġitalizzazzjoni ta' xogħlijiet li m'għadhomx jiġu stampati u dawk li m'għadhomx jiġu distribwiti u biex dawn jitqiegħdu online, u biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' xogħlijiet orfni.

JIKKUNSIDRA LI, GĦALL-IŻVILUPP ULTERJURI TAL-EUROPEANA, HUWA MEĦTIEĠ LI:

— Jiżdied l-għadd ta' oġġetti, kemm f'xogħlijiet fid-dominju pubbliku kif ukoll f'xogħlijiet koperti bid-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali, minn bibljoteki, mużewijiet, arkivji, u kollezzjonijiet awdjoviżivi aċċessibbli permezz tal-portal, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali, filwaqt li fl-istess ħin jiġi pprovdut approċċ kwalitattiv li juri d-diversità u r-rikkezza tal-wirt kulturali Ewropew; tkompli l-ħidma konġunta sabiex tiġi żgurata l-akbar disponibbiltà ta' xogħlijiet fid-dominju pubbliku wara d-diġitalizzazzjoni tagħhom.

— Jitkomplew l-isforzi biex tiġi stimolata firxa ġeografika usa' u biex jinstab bilanċ aħjar bejn it-tipi differenti ta' kontenut offrut permezz tal-Europeana (kotba, ritratti, dokumenti arkivjali, materjal ċinematografiku u awdjoviżiv, kollezzjonijiet tal-mużewijiet, eċċ …) b'kont meħud tal-ħtiġijiet partikolari ta' tipi ta' kontenut intensivi fir-riżorsi bħall-materjal awdjoviżiv.

— Jittieħed kont sħiħ tad-diversità lingwistika bħala waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-wirt Ewropew, u jissaħħu l-karatteristiċi multilingwi tas-sit tal-Europeana, b'mod partikolari bl-indirizzar tar-riċerka fil-lingwi kollha u t-traduzzjoni awtomatika.

— Jiġi żgurat post ċentrali għall-utent, u titkompla l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-profili tal-utenti, bil-ħsieb ukoll li jiġu identifikati applikazzjonijiet u mekkaniżmi speċifiċi, inklużi dawk li jinkoraġġixxu l-interattività billi jippermettu lill-utenti jagħtu kontribut attiv għas-sit, filwaqt li fl-istess ħin jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-kontenut jitqiegħed fuq l-internet skont id-dispożizzjonijiet legali rilevanti. Fejn possibbli, applikazzjonijiet ġodda tal-Europeana għandhom jużaw formati miftuħa, sabiex jippermettu l-involviment tal-akbar komunità possibbli ta' żviluppaturi u jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid u l-adattament adegwati tal-komponenti ta' software tal-Europeana għal kuntesti oħra.

— Issir sensibilizzazzjoni tal-Europeana fost l-istituzzjonijiet kulturali fl-Ewropa kollha li jistgħu jikkontribwixxu l-kontenut, u fost l-utenti potenzjali tas-sit. F'dan il-kuntest, il-kollaborazzjoni mas-setturi edukattivi u tar-riċerka jista' jkollha rwol sinifikanti u għandha tiġi esplorata aktar.

— Jittieħed kont tad-diversità tad-diversi istituzzjonijiet kulturali fl-Ewropa, sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet kollha, inklużi l-iżgħar fosthom, ikollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem fl-iżvilupp tal-Europeana.

— Titkompla l-ħidma fuq sett ta' standards minimi ċari u ġeneralment aċċettati dwar l-interoperabbiltà u l-promozzjoni tal-applikazzjoni tagħhom mill-istituzzjonijiet li jipprovdu l-kontenut. Dan ser jgħin lill-istituzzjonijiet kulturali jieħdu kont tal-ħtieġa għal metadata konsistenti ta' kwalità għolja fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni, li hija ta' importanza ewlenija fit-tiftix għal oġġetti diġitalizzati u fl-istabbiliment tal-korrelazzjonijiet bejniethom.

— Issir ħidma għal mudell ta' finanzjament u governanza sostenibbli għall-Europeana bħala punt ta' aċċess komuni għall-wirt kulturali Ewropew, u jiġi żgurat l-aħjar użu tal-istrumenti finanzjarji disponibbli għall-finanzjament tad-diġitalizzazzjoni fil-livell nazzjonali u dak Ewropew.

— Tiġi esplorata l-possibbiltà tar-rwol tas-sħubiji pubbliċi-privati għad-diġitalizzazzjoni bil-ħsieb li jiżdiedu l-kollezzjonijiet aċċessibbli permezz tal-Europeana, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu protetti b'mod adatt l-interessi tad-detenturi tad-dritt, tal-utenti u l-istituzzjonijiet kontributuri.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

— Ikomplu jaħdmu b'mod konġunt lejn l-għanijiet stabbiliti bil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà online ta' materjal kulturali u dwar il-konservazzjoni diġitali, u b'dawk tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-aċċessibbiltà ta' materjal diġitalizzat permezz tal-Librerija Diġitali Ewropea "Europeana".

— Ikomplu jagħtu u jsaħħu l-appoġġ tagħhom għal proġetti ta' diġitalizzazzjoni mwettqin mill-istituzzjonijiet kulturali tagħhom sabiex jiżdied l-għadd ta' oġġetti minn bibljoteki, mużewijiet, arkivji, u kollezzjonijiet awdjoviżivi mill-Istati Membri kollha u jippromwovu, p.e. permezz ta' kondizzjonijiet għall-finanzjament tad-diġitalizzazzjoni, id-disponibbiltà tagħhom permezz tal-Europeana kif ukoll l-akbar aċċess għall-kontenut min-naħa tal-utenti.

— Ikomplu jissensibilizzaw lill-istituzzjonijiet kulturali fil-livelli territorjali kollha, pereżempju billi jorganizzaw sessjonijiet ta' informazzjoni biex iħeġġuhom jipprovdu l-kontenut tagħhom lill-Europeana jew direttament inkella permezz ta' aggregaturi nazzjonali, reġjonali jew tematiċi.

— Jipprovdu sal-aħħar tal-2013, fuq bażi volontarja u sakemm jiġi żviluppat mudell sostenibbli ta' finanzjament u ta' governanza, il-livell meħtieġ ta' appoġġ lill-Europeana biex jikkomplementa l-finanzjament Komunitarju.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

— Jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni dwar l-Europeana fost il-pubbliku ġenerali, pereżempju billi jorganizzaw kampanji f'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet kulturali sabiex is-sit isir magħruf mal-utenti potenzjali tiegħu.

— Jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' serje ta' standards minimi ċari u kondiviżi dwar l-interoperabbiltà għall-kontenut kulturali ddiġitalizzat tal-Europeana.

— Jiżviluppaw, fil-qafas tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Diġitalizzazzjoni u l-Konservazzjoni Diġitali tal-Istati Membri u f'kollaborazzjoni mal-Europeana, pjan direzzjonali b'rakkomandazzjonijiet biex jiżdied il-kontenut aċċessibbli online permezz tal-Europeana b'mod bilanċjat, li jkopri lill-Istati Membri u s-setturi kollha (test, awdjo, ħoss, immaġni) kif ukoll il-kapulavuri tal-wirt kulturali tal-Ewropa magħżula mill-Istati Membri; u biex ikomplu, fil-kuntest ta' dan il-Grupp ta' Esperti, il-kollaborazzjoni tagħhom mal-Europeana dwar kwistjonijiet relatati mal-mudell ta' governanza u finanzjament u l-orjentazzjoni strateġika tas-sit.

JISTIEDEN, MINGĦAJR PREĠUDIZZJU GĦAN-NEGOZJATI FUTURI DWAR IL-QAFAS FINANZJARJU 2014-2020, LILL-KUMMISSJONI BIEX:

Tikkunsidra li tippreżenta f'qafas ta' żmien adegwat, u b'kont meħud ta' dawn il-konklużjonijiet, proposti għal finanzjament sostenibbli tal-Europeana wara l-2013 u ta' linji politiċi relatati, flimkien ma' viżjoni, inklużi l-kwistjonijiet ta' governanza, għall-konsolidazzjoni u l-iżvilupp tal-Europeana bħala għodda ta' riferiment essenzjali u preminenti għall-era diġitali, li ser tagħmel il-wirt kulturali Ewropew aċċessibbli għal kulħadd u li ser issaħħaħ l-attrattiva u r-rilevanza tiegħu għall-ġenerazzjonijiet attwali u dawk futuri.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Mejju 2010

li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

(2010/C 137/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu;

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 jipprevedi, inter alia, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.

(2) Tmintax-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) huma mistennija jinnominaw il-membri u l-membri supplenti għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2010 sal-31 ta' Mejju 2013.

(3) Il-Gvernijiet tal-Istati Membri kollha msemmijin hawn fuq, ippreżentaw il-lista ta' kandidati lill-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2010 sal-31 ta' Mejju 2013:

RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

Pajjiż	Membri	Supplenti
Belġju	Is-Sur Michel PASTEEL	Is-Sinjura Annemie PERNOT
Bulgarija	Is-Sinjura Tatyana Spassova KMETOVA	Is-Sinjura Petia Mihaylova MOEVA
Repubblika Ċeka	Is-Sinjura Andrea BARŠOVÁ	Is-Sur Czeslaw WALEK
Ġermanja	Is-Sinjura Eva Maria WELSKOP-DEFFAA	Is-Sinjura Renate AUGSTEIN
Estonja	Is-Sinjura Käthlin SANDER	Is-Sur Christian VESKE
Spanja	Is-Sinjura Enriqueta CHICANO JÁVEGA	Is-Sinjura Cecilia PAYNO DE ORIVE
Franza	Is-Sinjura Elisabeth TOMÉ-GERTHEINRICHS	Is-Sinjura Françoise VILAIN
Ungerija	Is-Sinjura Zsuzsa SEBESTYÉN	Is-Sinjura Katalin KISSNÉ BENCZE
Malta	Is-Sinjura Therese BUGEJA	Is-Sinjura Therese SPITERI
Pajjiżi l-Baxxi	Is-Sinjura Carlien SCHEELE	Is-Sur Ferdi LICHER
Awstrija	Is-Sinjura Vera JAUK	Is-Sur Dietmar HILLBRAND
Portugall	Is-Sinjura Sara FALCÃO CASACA	Is-Sur Pedro DELGADO ALVES
Rumanija	Is-Sur Florin-Marian NEGREA	Is-Sinjura Andra Cristina CROITORU
Slovenja	Is-Sur Roman KUHAR	Is-Sinjura Maruša GORTNAR
Slovakkja	Is-Sinjura Martina JANÍKOVÁ	Is-Sinjura Jana STANKOVÁ
Finlandja	Is-Sinjura Tarja HEINILÄ-HANNIKAINEN	Is-Sinjura Riitta MARTIKAINEN
Żvezja	Is-Sinjura Helén LUNDKVIST	Is-Sur Lars WITTENMARK
Renju Unit	Is-Sinjura Helene REARDON-BOND	Is-Sinjura Celia REED

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
E. SALGADO

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Is-26 ta' Mejju 2010

(2010/C 137/09)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,2309	AUD	Dollaru Awstraljan	1,4780
JPY	Yen Ġappuniż	111,35	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3090
DKK	Krona Daniża	7,4403	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,5982
GBP	Lira Sterlina	0,85470	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,8321
SEK	Krona Żvediża	9,6990	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7309
CHF	Frank Żvizzeru	1,4206	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 512,00
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,5125
NOK	Krona Norveġiża	7,9775	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,4059
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,2715
CZK	Krona Ċeka	25,550	IDR	Rupiah Indoneżjan	11 397,23
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	4,0823
HUF	Forint Ungeriż	277,44	PHP	Peso Filippin	57,496
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	38,2885
LVL	Lats Latvjan	0,7082	THB	Baht Tajlandiż	40,053
PLN	Zloty Pollakk	4,1090	BRL	Real Brażiljan	2,2600
RON	Leu Rumen	4,1711	MXN	Peso Messikan	15,9235
TRY	Lira Turka	1,9406	INR	Rupi Indjan	58,2150

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2010/C 137/10)



Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Franza

Il-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika l-karatteristiċi tad-disinji tal-muniti tal-euro ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti [1]. Skont il-konklużjonijiet adottati rigward dan is-suġġett mill-Kunsill fl-10 ta' Frar 2009 [2], l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti euro, huma awtorizzati li joħorġu muniti euro kommemorattivi maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni b'ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li dawn ikunu biss muniti ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn simboliku qawwi kommemorattiv fil-livell nazzjonali jew Ewropew.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Franza

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: L-Appell li kien għamel il-Ġeneral de Gaulle fit-18 ta' Ġunju 1940 minn Londra permezz tal-BBC, li serva tassew ta' pedament għar-Reżistenza Franċiża.

Id-deskrizzjoni tad-disinn:

Il-parti interna tal-munita turi lil Ġeneral de Gaulle, bl-uniformi, bla beritta, waqt li qed jaqra l-Appell, li fuqu mdaħħla bi ħsieb, indikazzjoni li tati ħjiel tal-pajjiż "RF", quddiem mikrofonu li huwa karatteristiku tal-epoka. Fuq nett id-data tal-ħruġ "2010" u taħtha "70 ANS" u "APPEL 18 JUIN".

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Il-kwantità ta' muniti maħruġin: 20 miljun biċċa

Id-data tal-ħruġ: Ġunju 2010

---

[1] Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

[2] Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.01.2009, p. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2010/C 137/11)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' 2 euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Portugall

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika d-disinji l-ġodda kollha tal-muniti tal-euro bil-ħsieb li tinforma lill-partijiet kollha kkonċernati mitluba li jużaw il-muniti f'xogħolhom kif ukoll biex tinforma lill-pubbliku inġenerali ([1]). Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ tal-muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti tal-euro kommemorattivi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jiġu rispettati ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li dawn ikunu biss muniti ta' 2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-2 euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom jippreżenta disinn kommemorattiv simboliku qawwi fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

Pajjiż li qed joħroġ il-munita: Il-Portugall

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: il-100 sena mindu l-Portugall sar Repubblika

Id-deskrizzjoni tad-disinn:

Il-parti ta' ġewwa tal-munita, fiċ-ċentru għandha l-istemma Portugiża u l-effiġja "República", tnejn mill-aktar simboli rappreżentattivi tar-Repubblika Portugiża, u madwarha l-iskrizzjoni "República Portuguesa – 1910-2010", il-marka taz-zekka "INCM" u isem l-awtur "JOSE CÂNDIDO".

Fuq iċ-ċirku ta' barra tal-munita jidhru t-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Il-volum ta' muniti li se jinħarġu: 2 035 000

Id-data tal-ħruġ: Settembru 2010.

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, pp. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-ewro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2010/C 137/12)



Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Belġju

Il-muniti tal-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom valuta legali fiż-żona kollha tal-ewro. Bl-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni qed tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha [1]. Skont il-konklużjonijiet adottati rigward dan is-suġġett mill-Kunsill fl-10 ta' Frar 2009 [2], l-Istati Membri taż-żona tal-ewro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-ewro, huma awtorizzati li joħorġu muniti tal-ewro kommemorattivi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni b'ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li dawn ikunu biss muniti ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn simboliku qawwi kommemorattiv fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

Pajjiż tal-ħruġ: Il-Belġju

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2010

Deskrizzjoni tad-disinn:

Il-parti interna tal-munita turi l-logo tal-kommemorazzjoni, jiġifieri l-ittri stilizzati "EU" u "trio.be". Fin-naħa ta' fuq tad-disinn, hemm il-kelmiet "BELGIAN PRESIDENCY OF THE COUNCIL OF THE EU 2010" u, fin-naħa t'isfel, l-indikazzjoni bi tliet lingwi BELGIE BELGIQUE BELGIEN. Taħt il-logo, fin-naħat tax-xellug u tal-lemin rispettivament tal-annu 2010, jidhru s-simbolu taz-zekka u s-simbolu tal-Kummissarju taz-zekka.

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Europea.

Il-kwantità ta' muniti maħruġa: 5 miljun munita

Id-data tal-ħruġ: Ġunju 2010

---

[1] Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

[2] Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52)

V

(Opinjonijiet)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5866 – Sun Capital/Beauty Business)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 137/13)

1. Fit-18 ta' Mejju 2010 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Sun Capital Partners V, L.P., parti mill-grupp ta' fondi Sun Capital Partners ("Sun Capital", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' parti ta' Rio Tinto Group ("Rio Tinto", ir-Renju Unit) li hi parti ta' Alcan Packaging Beauty Business (il-"Beauty Business") permezz ta' akkwist ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Sun Capital: ditta privata tal-investimenti tal-ekwità li tamministra numru ta' fondi ta' ekwità privata,

— għal Beauty Business: soluzzjonijiet ta' ppakkjar għall-industrija tas-sbuħija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5866 – Sun Capital/Beauty Business, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna

2010/C 137/11 Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni 26

2010/C 137/12 Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-ewro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni 27

V *Opinjonijiet*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 137/13 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5866 – Sun Capital/Beauty Business) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] 28

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT